# Il-Fidi Kristjana u l-Iskrittura Mqaddsa



*Din il-gabra ta' versi mill-Iskrittura titratta diversi aspetti tal-fidi u l-hajja Kristjana, specjalment f'kuntrast mat-tradizzjoni Kattolika. J'Alla naghrfu li* ***Kristu hu kollox;*** *sabiex ilkoll nafdaw is-salvazzjoni taghna f'idejh, u nibnu hajjitna fuqu, il-Blata tal-knisja.*

**Fittxu kuljum fl-Iskrittura.** Atti 17:11.

Nistiednek taqra dawn l-istqarrijiet, u wara, fittex l-Iskrittura biex tara jekk dawn il-hwejjeg humiex minnhom jew le.

**A. l-Iskrittura Mqaddsa.**

- L-Iskrittura hi l-Kelma t'Alla; tgharrafna kif insalvaw, u kif noghgbu u ngawdu 'l Alla.
- Alla jikkundanna lil min ma jemminx, ihassar, ibiddel jew izid ma l-Iskrittura xi taghlim uman.

**B. Il-knisja.**

- Il-knisja hi tempju haj maghmul mill-Kristjani; Alla jghammar fihom u mhux f'xi tempju tal-gebel.
- Alla biss ghandu s-setgha suprema fis-sema u fuq l-art.
- Il-Mulej biss hu l-Blata, il-pedament tal-knisja, ir-raghaj il-kbir, l-arcisqof, il-papa, il-pontifiku, il-qaddis u l-mexxej tad-dinja. Ikun jisraq 'l Alla dak l-bniedem li japplika dawn it-titli ghalih.
- L-isqfijiet (xjuh, presbiteri, rghajja) jghallmu l-Iskrittura u jirghu l-knisja, bl-ghajnuna tad-djakni. L-isqfijiet u d-djakni jizzewgu. M'ghandhomx jilbsu lbies specjali jew ihallu Kristjani jmilu quddiemhom.
- Il-Kristjani kollha huma qassisin.

**C. Marija.**

- Il-madonna mhix Marija omm Gesu', u lanqas taqbel mad-diskrizzjoni taghha fl-Iskrittura.
- Marija ma baqghetx vergni; ghax waqt it-twelid jinfetah il-guf, u kellha ulied ohra permezz ta' zewgha Guzeppi.
- Gesu', li hu Alla u sar bniedem, hu minghajr dnub. Marija, bhal ulied Adam kollha, mnissla bi d-dnub.
- Marija mhix omm Alla, jew omm il-bnedmin.
- Gesu' tela' s-sema bil-gisem. L-Iskrittura ma tghallmix li Marija telghet is-sema bil-gisem. Marija mhix mara mlibbsa bix-xemx ghax din il-mara tissimbolizza l-poplu t'Alla.
- Dawn huma titli tal-Mulej: u mhux ta' Marija jew xi hlejqa ohra; kewkba ta' filghodu, sultan, l-avukat taghna, medjatur, Sidna, qaddis, kollu hniena, mhabba, tama taghna, sahha tal-morda, bieb tas-sema, il-ferh taghna, farag ta' l-imnikktin, kenn tal-midinbin u ohrajn.
- Alla ma jridniex nitolbu lil Marija jew qaddisin mejtin ohra, u la jistghu jisimghuna u lanqas iwigbuna. Ghandna dejjem nitolbu 'l Alla.

**D. Il-Fidi Kristjana.**

- L-Evangelju: l-ahbar it-tajba; ihabbar salvazzjoni bil-fidi f'Alla u mhux bl-opri taghna. Il-Missier jaghtina l-grazzja: fuq il-merti nfiniti tas-sagrificcju ta' darba ta' Ibnu; l-Ispirtu s-Santu jaghtina l-ghajnuna biex naghmlu l-frott tal-fidi vera, l-opri tajba.

- Il-maghmudija ma tfissirx traxxix ta' l-ilma fuq ras it-tarbija, imma t-tghaddis fl-ilma lil dak li jikkonverti u jemmen l-Evangelju.
- Is-sagrificcju ta' Kristu fuq is-salib ma jiggeddidx fit-tifkira ta' l-ikla tal-Mulej. Il-hobz u l-inbid jibqghu l-istess fin-natura taghhom. L-Ewkaristija tfisser ringrazzjament; fl-Ikla tal-Mulej, il-Kristjan joffri sagrificcju t-tifhir lil Alla u mhux sagrificcju bi tpattija ghad-dnubiet.
- Alla biss jahfer id-dnubiet lil dawk kollha li jemmnu fih. Ma ghandniex inhallu min jinnegozjana f'isem ir-religjon. Il-purgatorju ma jezistix ghax Kristu jnaddaf lill-Kristjani minn kull tebgha ta' dnub.
- Alla ma jridx xbighat religjuzi bhal statwi, santi, domni, kurcifissi u ikoni. Ma kkmandax jiem ta' sawm obligatorju u ghalhekk hadd ma jista' jobbligana nastjenu f'certu jiem. Il-Kristjani jharsu l-Hadd ghall-mistrieh u l-qima, imma m'ghandhomx obbligu jiccelebraw festi kmandati ivvintati mill-bnedmin.
- L-Ispirtu s-Santu ghamel ghegubijiet fi zmien l-appostli biex iwettaq il-kelma taghhom. Billi issa ghandna l-fidi shiha, mnizzla bil-miktub fl-Iskrittura, m'ghadx hemm post ghal dawk id-doni specjali ta' l-Ispirtu, bhall-ilsna u l-fejqan mirakoluz. M'ghandniex nemmnu l-ghegubijiet giddieba u l-vizzjonijiet qarrieqa ta' zmienna.

---

**A. l-Iskrittura Mqaddsa.**

**L-importanza tal-Kelma t'Alla.**

- Min hu minn Alla jisma' kliem Alla. Gwann 8:47.
- Gesu'… qal… Min… ma jilqax kliemi… jaghmel haqq minnu: il-kliem li jiena ghidt. Gwann 12:48.
- L-Iskrittura Mqaddsa, li tista' taghmlek gharef ghas-salvazzjoni permezz tal-fidi, li hi fi Kristu Gesu'. L-Iskrittura kollha hi moghtija b'ispirazzjoni minn Alla, u tiswa ghat-taghlim, ghac-canfir, ghat-twiddib, ghat-tahrig fil-haqq; Biex il-bniedem t'Alla jkun perfett, imrawwem ghal kull ghemil tajjeb. 2 Timotju 3:15-17.
- Gesu', qalilhom: Mhux ghalhekk tizbaljaw, ghax la tafu l-Iskrittura, u lanqas is-setgha t'Alla? Mark 12:24, 13:31; Mattew 22:29.
- [Gesu' jitlob lill-Missier] Qaddishom fis-sewwa tieghek; Kelmtek hi s-sewwa. Gwann 17:17.
- Laqghu l-kelma bil-hegga kollha, u fittxu kuljum fl-Iskrittura, jekk dawk il-hwejjeg kinux hekk. Atti 17:11.

[L-oghla awtorita' hi l-Iskrittura. Jekk it-taghlim ta' l-appostlu Pawlu; kien ittestjat bl-Iskrittura, kemm aktar it-taghlim tal-mexxejja religjuzi t'illum?]

- Kull haga li nkitbet minn qabel, inkitbet ghat-taghlim taghna, biex bis-sabar u l-farag ta' l-Iskrittura jkollna t-tama. Rumani 15:4; Atti 15:4, 20:32; 1 Pietru 1:23.

**M'ghandniex nimxu wara wara min ma jemminx, ihassar, ibiddel jew izid mal-Kelma t'Alla.**

- Imma ghalxejn jaghtuni qima, billi jghallmu bhala duttrini l-precetti tal-bnedmin. Mattew 15:9.
- Ahna m'ahniex bhal hafna, li jhassru l-Kelma t'Alla. 2 Korintin 2:17, 4:2; Atti 20:30- 32; Rumani 16:17.
- Araw li hadd ma jhassarkom b'filosofija u qerq fieragh, skond it-tradizzjoni tal-bnedmin, u… l-elementi tad-dinja. Kolossin 2:8.
- Xandar il-kelma… ghax ghad jigi zmien meta ma jahmlux it-taghlim it-tajjeb; imma… jduru jigimghu ghalihom mghallmin; U jdawru widnejhom mis-sewwa, u jduru ghall-hrejjef. 2 Timotju 4:2-4; 1 Timotju 4:7.

**Alla ghandu setgha fuq l-art u minnu ghandna nisimghu.**

[Alla hatar mexxejja fil-knisja biex imexxu skond Kelmtu. Jekk ma jghallmux il-Kelma t'Alla m'ghandiex nissottomettu ruhna ghalihom.]

- Missierna li int fis-smewwiet…Ikun *li trid int* fl-art, kif inhu fis-sema. Mattew 6:9-10; Luqa 11:2.
- Gesu'… qal: Kull setgha hi moghtija lili fis-sema u fl-art. Morru mela, u ghallmu l-gnus kollha... U ghallmuhom iharsu kulma ordnajtilkom, u ara, jien dejjem maghkom. Mattew 28:18-20.
- Ahna ghandna nisimghu minn Alla aktar milli mill-bnedmin. Atti 5:29; 4:19.

---

**B. Il-knisja.**

**Il-kelma 'knisja' tirreferi ghall-Kristjani jew ghal xi bini?**

[Knisja, bil-Grieg *ecclesia*, tfisser l-imsejhin. Il-knisja hija l-poplu li Alla sejjah ghalih].

- Damu… mal-knisja, u ghallmu hafna nies. Atti 11:26, 26:28; 1 Pietru 4:16.
- Isellu ghalikom il-knejjes ta' Kristu. Rumani 16:16, 4-5, 23; 1 Korintin 1:2, 16:1, 19; 1 Tessalonikin 1:1.
- Alla ma jghammarx f'tempji maghmulin bl-idejn. Atti 7:48; 17:24; 2 Korintin 6:16.
- Ma tafux li gisimkom hu tempju ta' l-Ispirtu s-Santu li qieghed fikom? 1 Korintin 6:19, 3:16; 1 Timotju 3:15.

**Il-Mulej huwa l-Blata u l-pedament tal-knisja.**

- Gesu'… staqsa lid-dixxipli … Min ighidu n-nies illi Jiena, Bin il-Bniedem, Jien? … U Xmun Pietru… qal: Inti l-Kristu, Bin Alla l-haj. U wiegeb Gesu' … U jien nghidlek: Li inti Pietru [bil-Grieg petros], u fuq din il-Blata [bil-Grieg petra] nibni l-knisja tieghi; u l-bwieb ta' Post il-Mejtin ma jeghlbuhiex. Mattew 16:13-18.

[Petros tfisser gebla li ticcaqlaq; Petra tfisser Blata li ma ticcaqlaqx. Kristu bena l-knisja fuq il-verita' li Pietru stqarr: "Inti l-Kristu, Bin Alla l-haj." Kristu huwa l-Blata soda li fuqha sserrah il-knisja tieghu].

- Hadd ma jista' jqieghed sisien ohra… li huma Gesu' Kristu. 1 Korintin 3:11.
- Il-Blata kienet Kristu. 1 Korintin 10:4.

**Pietru ma kienx meqjus kap fuq l-appostli. Ma kellux setgha akbar minnhom ghax huma wkoll kienu jorbtu u jhollu fuq l-art. Pietru kien imsejjah biex jirgha l-merhla, hekk ukoll il-presbiteri msejjhin jaghmlu l-istess.**

- [Gesu' lil Pietru] dak kollu li torbot fl-art ikun marbut fis-smewwiet: u dak kollu li tholl fl-art ikun mahlul fis-smewwiet. Mattew 16:19.
- [Gesu' lill-Kristjani kollha] Kulma torbtu fl-art ikun marbut fis-sema: u kulma thollu fl-art ikun mahlul fis-sema... Jekk tnejn minnkom jiftiehmu bejniethom fl-art fuq kull haga li jitolbu, issirilhom. Mattew 18:18-19.
- Gesu' qal lil Xmun Pietru… Irgha l-hrief tieghi… Irgha n-nghag tieghi… Irgha n-nghag tieghi. Gwann 21:15-17.
- [Pawlu lill-presbiteri kollha] Harsu lilkom infuskom mela, u l-merhla kollha, li fuqha l-Ispirtu s-Santu ghamilkom ghassiesa, biex tirghaw il-knisja t'Alla. Atti 20:28.
- [Pietru lill-presbiteri kollha] Irghaw il-merhla t'Alla li hemm fostkom. 1 Pietru 5:2.
- U kien hemm glieda wkoll bejniethom [tnax-il appostlu], min fosthom kellu jkun mizmum bl-akbar. U qalilhom [Gesu']: Is-slaten tal-gentili jahkmu fuqhom; u dawk li ghandhom is-setgha fuqhom jissejhu benefatturi. Imma intom ma tkunux hekk. Luqa 22:24-26, 9:46-48; Mark 9:33-37; Mattew 18:1-5.

- Imbaghad resqet lejh [Gesu’] omm ulied Zebedew ma’ wliedha [zewgt appostli], taghtih qima, u tixtieq xi haga minn ghandu… [Gesu’] Qalilhom… li toqghodu fuq il-lemin tieghi, u fuq ix-xellug, mhux minni li jinghata… U malli l-ghaxra [l-appostli l-ohra] semghu dan tmashnu ghaz-zewgt ahwa… Gesu’… qal… l-princpijiet tal-gentili jahkmu fuqhom, u l-kbarat juzaw setgha fuqhom. Mhux hekk ikun fostkom. Mattew 20:20-26; Mark 10:35-43.

**Gieli zbalja Pietru fi hwejjeg ta' fidi u morali?**

- Beda Gesu’ juri lid-dixxipli, kif jehtieglu… jinqatel, u fit-tielet jum iqum. Imbaghad Pietru gibdu lejh, u beda jlumu… Hu [Gesu’] dar, u qal ‘il Pietru: Lura minni, Satana: Int tfixkil ghalija: ghax ma tahsibx il-hwejjeg t’Alla. Mattew 16:21-23; Mark 8:31-33.
- Izda Pietru wiegeb, u qallu: Jekk ilkoll jitfixklu minhabba fik, jien qatt ma nitfixkel. Qallu Gesu’… qabel ma jidden is-serduk, tichadni tliet darbiet. Mattew 26:33-34; Mark 14:29-30; Luqa 22:33-34; Gwann 13:37-38.
- Pietru li kellu sejf siltu, u darab il-qaddej…u qataghlu widintu... Imbaghad qal Gesu’ lil Pietru: Dahhal sejfek fil-ghant; il-kalci li tani Missieri ma nixorbux? Gwann 18:10-11; Mattew 26:51-54; Mark 14:47; Luqa 22:50-51.
- [l-appostlu Pawlu dwar Pietru] Imma meta Pietru gie Antijokija, zammejtlu f’wiccu ghax kellu htija… Galatin 2:11-14.

**M'ghandniex naghtu lill-bnedmin titli divini.**

- Biex titghallmu fina li ma tahsbux fil-bnedmin aktar milli hu miktub, biex hadd ma jitkabbar ghal wiehed kontra l-iehor. 1 Korintin 4:6.

Matul l-istorja tal-knisja: kien hemm x'uhud; specjalment l-isqof ta’ Ruma, li applikaw ghalihom infushom titli u unuri li jixirqu biss lil Alla, bhal Missier, il-Qdusija, Majesta', Raghaj il-Kbir, ir-Ras tal-knisja; u ppretendew li ghandhom awtorita' shiha fuq l-art].

**Missier il-princpijiet u r-rejiet, mexxej tad-dinja.** [Il-Papa jesigi setgha fuq il-mexxejja civili kollha, fuq id-dinja u fuq il-knisja.]

- U kellu [Gesu’]… isem miktub: Sultan tas-Slaten, u Sid tas-Sidien. Rivelazzjoni (bil-Grieg Apokalissi) 19:16.

**Il-Pontifiku.** [il-pont bejn Alla u l-bnedmin, Roman pontiff]

- Medjatur wiehed bejn Alla u l-bnedmin: il-bniedem Kristu Gesu'. 1 Timotju 2:5; Lhud 9:15.

**Il-Qdusija tieghu.**

- Qaddis, Qaddis, Qaddis, Alla li jista’ kollox. Rivelazzjoni (Apokalissi) 4:8; Luqa 1:49.

**Il-Papa.** ["Papa" tfisser Missier, "Holy Father"]

- U jien [Gesu’] gej ghandek. Missier Qaddis. Gwann 17:11; Galatin 3:26.

**Il-Kap, Ras il-knisja.**

- Alla... qieghed kollox taht riglejh [Kristu], u lilu ghamlu fuq kollox, biex ikun ir-ras tal-knisja. Efesin 1:22; Kolossin 1:18.

**Ir-Raghaj suprem.**

- Meta jidher [Kristu] ir-raghaj il-kbir. 1 Pietru 5:4, 2:25; Lhud 13:20.

Il-kleru wkoll jissejhu b'titli li jixirqu biss lil Alla:

**"Monsinjur"** [is-sinjur taghna tfisser 'sidna']

- Il-grazzja ta’ Sidna Gesu’ Kristu maghkom ilkoll. Amen. Rumani 16:24.

**"Dun"** [mil-latin, dominus, mghallem]

- Lanqas tissejhu mghallmin: ghaliex wiehed Hu l-Imghallem taghkom, Kristu. Mattew 23:10.

**"Arcipriet"** [il-qassis ewlieni, il-kbir]

- Ghandna qassis il-kbir hekk gholi, li dahal fis-smewwiet, Gesu' Bin Alla, ha nzommu shih l-istqarrija tal-fidi taghna. Lhud 4:14.

**"Father"**

- U ssejhu l-ebda bniedem missierkom fuq l-art: ghax wiehed hu Missierkom, li hu fis-smewwiet. Mattew 23:9.

**L-isqfijiet (xjuh, presbiteri, raghajja) jiehdu hsieb u jghallmu l-knisja; jkunu mizzewga; m'ghandhomx jilbsu lbies specjali jew ihallu Kristjani jmilu quddiemhom.**

- Isqof jkun… ir-ragel ta' mara…Wiehed li jmexxi tajjeb lil daru, li jzomm lil uliedu. 1 Timotju 3:2-5; Titus 1:5-6, 1 Korintin 9:5.
- Uhud jitilqu mill-fidi, billi jaghtu widen… ghal taghlim tad-demonji … ma jridux zwieg. 1 Timotju 4:1-3.
- Harsu ruhkom mill-iskribi, li jhobbu jimxu bi lbiesi twal. Luqa 20:46-47; Mattew 23:5-7; Mark 12:38-40.
- Pietru dahal… Kornelju… waqa' f'riglejh… Imma Pietru qajmu: billi qallu: Qum, jien bniedem ukoll. Atti 10:25-26.

**Min fost il-Kristjani hu qassis?**

[Il-ministri fil-knisja jissejjhu isqfijiet, rghajja, presbiteri izda qatt ma jissejhu 'hiereus' - qassisin jew sacerdoti. Evidentament ix-xoghol taghhom fil-knisja mhux li joffru xi sagrificcju bi tpattija ghad-dnubiet.

Il-Kristjani kollha huma qassisin, u joffru sagrificcji spiritwali ta' tifhir 'l Alla.]

- Intom [il-Kristjani kollha] mibnijin bini spiritwali bhala sacerdozzju qaddis. 1 Pietru 2:5, 9.
- Gesu'… ghamilna qassisin ghal Alla. Amen. Rivelazzjoni (Apokalissi) 1:6, 5:10, 20:6.

---

**C. Marija.**

**Marija baqghet vergni wara t-twelid ta' Gesu'?**

- Meta l-jiem tal-purifikazzjoni taghha [Marija]… ghaddew, [Guzepp u Marija] gibuh Gerusalem, biex jipprezentawh [Gesu' tarbija]… kull tifel li *jiftah il-guf* [bil-Grieg diagnon metron, bil-Latin apertito vulvae] imqaddes lill-Mulej. Luqa 2:22-23.
- Guzepp… ma kienx jafha [lil Marija] *sakemm* [bil-Grieg heos] wildet l-ewwel iben taghha: u semmieh Gesu'. Mattew 1:24-25.

[Gesu' kien imnissel fil-guf ta' Marija bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu. Guzeppi ma kellux relazzjoni matrimonjali ma' martu sakemm twieled Gesu'.]

- Dan mhux bin il-mastrudaxxa? Ommu ma jisimhiex Marija? U hutu [bil-Grieg adelpos, ulied subjien mill-istess guf, bl-Ingliz brothers], Gakbu u Goze' u Xmun u Guda? U hutu [bil-Grieg adelphe, ulied bniet mill-istess guf, bl-Ingliz sisters] n-nisa m'humiex maghna? Mattew 13:55-56; 12:46-49; Luqa 8:19-21; Gwann 2:12; Mark 6:3; Atti 1:14.

[Kieku dawn kienu 'qraba' jew 'kugini', l-evangelisti setghu uzaw dawn il-kliem kif huma uzati f'postijiet ohra fit-Testment il-Gdid.]

- Qraba [bil-Grieg suggenes].

  Luqa 1:36, 2:44, 14:12, 21:16; Mark 6:4.
- Gensna. Atti 7:19.

  - Ahwa jew kugini [bil-Grieg anepsios] jew ulied l-ulied [bl-Ingliz grandchildren].

    Luqa 10:39,14:12,21:16;  Gwann 1:40, 19:25;  Atti 1:14, 23:16;  Kolossin 4:10; 1 Timotju 5:4.
  - Hbieb. Luqa 14:12, 21:16.
  - Girien. Luqa 14:12, Efesin 4:25.
  - F'Daru. Mark 6:4.
  - Hmietu [omm il-mara]. Mattew 8:14,10:35; Luqa 4:38, 12:53;  Mark 1:30.
  - Kenna [mart l-iben].  Mattew 10:35;  Luqa 12:53.
  - Nantek. 2 Timotju 1:5.

  [L-ideja li hemm xi haga mniggsa fiz-zwieg hi ghal kollox kontra l-Iskrittura].

- Ha jkun imweggah iz-zwieg f'kollox, u s-sodda taz-zwieg ha tkun bla tebgha. Lhud 13:4.

**Min qatt ma dineb?**

- Kristu… ma ghamel ebda dnub. 2 Korintin 5:20-21; 1 Pietru 2:21-22; 1 Gwanni 3:3-5.
- Gesu'… bla htija, bla ghajb, mifrud mill-midinbin. Lhud 7:26, 4:15; 1 Pietru 1:19.

**Minbarra Gesu', hemm xi persuna ohra minghajr dnub?**

- Kollha dinbu, u neqsin mill-glorja t'Alla. Rumani 3:23, 3:4, 3:9-10.
- Jekk nghidu li m'ghandna l-ebda dnub, ahna nqarrqu… u s-sewwa mhux fina… Jekk nghidu li ma dnibniex… l-kelma tieghu [ta' Gesu'] mhix fina. 1 Gwann 1:8-10.
- Marija qalet… l-ispirtu tieghi jifrah f'Alla s-salvatur tieghi. Luqa 1:46-47.

[ladarba salvata, kien hemm id-dnub li minnu kienet mehlusa u mahfura.]

**Qabel miet, Gesu' halla lil ommu f'idejn Gwanni biex jiehu hsiebha.**

[F'din il-grajja, Gesu' m'ghamilx lil Marija omm il-bnedmin; izda sempliciment ried ihalliha f'idejn id-dixxiplu mahbub tieghu Gwann, biex jiehu hsiebha wara t-tluq tieghu.]

- Ghax lanqas hutu ma kienu jemmnu fih. Gwann 7:5.
- Xhin Gesu' ra lil ommu, u d-dixxiplu li kien ihobb wieqaf hemm, qal lil ommu: Mara, ara ibnek! Imbaghad qal lid-dixxiplu: ara ommok! U min dik is-siegha d-dixxiplu hadha ghandu. Gwann 19:26-27.
- Weggah lir-romol… Jekk xi hadd ma jahsibx ghal niesu, u l-aktar ghan-nies ta' daru, ikun cahad il-fidi, u hu agharr minn wiehed li ma jemminx... 1 Timotju 5:3, 8, 16.

**Min tela' s-sema bir-ruh u bil-gisem?**

[L-Iskrittura ma ssemmi xejn dwar it-tmiem tal-hajja ta' Marija.]

- Il-Mulej irtafa' fis-sema u qaghad fil-leminija t'Alla. Mark 16:19; Luqa 24:51; Atti 1:9-10; 1 Pietru 3:22.

**Min hi l-mara liebsa x-xemx f'Rivelazzjoni (Apokalissi) 12:1?**

- Tghaddab id-dragun [xitan, satana] ghall-mara… *dawk li jharsu l-kmandamenti t'Alla*. Rivelazzjoni (Apokalissi) 12:17.

**M'ghandiex naghtu t-titli tal-Mulej lil Marija.**

Kuntrarju ghal kitba fl-Iskrittura, t-tradizzjoni umana taghti dawn it-titli tal-Mulej lil Marija: medjatrici, sidtna, ko-redentrici, qaddisa u l-avukata taghna. Fil-verita' dawn huma kollha titli ta' Sidna Gesu' Kristu.

**Il-medjatur.** [Marija hi msejjha "medjatrici"]

- Kristu… Hu l-medjatur tar-Rabta l-Gdida. Lhud 9:15. 1 Timotju 2:5; Lhud 9:15, 8:6, 12:24.
- Ebda isem iehor taht is-sema moghti fost il-bnedmin, li bih nistghu nkunu salvati. Atti 4:12.

**Sidna.** [Marija tissejjah "Sidtna"]

- Il-grazzja ta' Sidna Gesu' Kristu maghkom. 1 Korintin 16:23.
- Mulej wiehed. Efesin 4:5.

**Il-feddej.** [Marija tissejjah "ko-redentrici", feddejja ma Kristu ta' l-umanita']

- Minn Sijon johrog il-feddej, meta nnehhi dnubiethom. Rumani 11:26; 1 Korintin 1:30.
- Fih [Kristu] ghandna l-fidwa permezz ta' demmu, il-mahfra tad-dnubiet. Efesin 1:7; Lhud 9:12.

**Il-qaddis.** [Lil Marija jsejhulha "Qaddisa"]

- Is-setghani ghamel mieghi hwejjeg kbar; u qaddis hu ismu. Luqa 1:49; Rivelazzjoni (Apokalissi) 4:8.

**L-avukat taghna.** [Lil Marija jsejhulha l-avukata taghna]

- Ghandna bhala avukat quddiem il-Missier, lil Gesu' Kristu l-gust. 1 Gwann 2:1; Rumani 8:34; Lhud 7:25.

[Fil-litanija, Marija hi msejjha b'diversi titli ohra: kewba ta' filghodu, sultana tas-sema, kollok hniena, mhabba, hlewwa, sahha tal-morda, bieb tas-sema, farag ta' l-imnikktin, kenn tal-midinbin,sutana tal-paci u ohrajn. Dawn huma kollha kemm huma titli t'Alla u ta' Kristu Ibnu.]

**Il-kewkba ta' filghodu.**

- Jien Gesu'… l-kewkba tiddi tas-sebh. Rivelazzjoni (Apokalissi) 22:16.

**Is-sultan.**

- Is-sultan ta' dejjem, li ma jmut qatt, li ma jidhirx, Alla wahdu. 1 Timotju 1:17.

**Kollu hniena.**

- Alla, Missier Sidna Gesu' Kristu, Missier il-hniniet. 2 Korintin 1:3.
- Bhalma Missierkom hu wkoll hanin. Luqa 6:36.

**Kollu mhabba.**

- Alla hekk habb id-dinja, li ta l-Iben wahdieni tieghu, biex kull min jemmen ma jintilifx. Gwann 3:16.
- Hu [Alla] habbna, u baghat 'l Ibnu biex ikun il-mezz tal-mahfra ghal dnubietna. 1 Gwann 4:10.

**Tama taghna.**

- Fih [Gesu'] il-gentili jittamaw. Mattew 12:21.
- Ikun hemm il-gherq ta' Gessi, u dak li jqum biex isaltan fuq il-Gentili; fih il-Gentili jittamaw. Issa Alla tat-tama jikliekom b'kull ferh u sliem fil-fidi, biex toktru fit-tama, permezz tal-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu. Rumani 15:12-13;

**Kollu hlewwa.**

- F'gieh il-hlewwa u t-tjieba ta' Kristu. 2 Korintin 10:1.
- Jien [Gesu'] gwejjed u umli f'qalbi: u intom ssibu l-mistrieh ghal ruhkom. Ghax il-madmad tieghi helu. Mattew 11:29-30.

**Sahha tal-morda.**

- Fejjaq [Gesu'] lil dawk kollha li kienu morda. Mattew 8:16.

**Bieb tas-sema.**

- Jien hu l-bieb; Jekk wiehed jidhol minni, isalva. Gwann 10:9, 10:7, 3:13, 6:38, 8:23, 8:42; 1 Korintin 15:47; Efesin 4:9.

**Farag ta' l-imnikktin.**

- Alla, Missier Sidna Gesu'… Alla ta' kull farag; Li jfarragna fin-niket kollu taghna. 2 Korintin 1:3-4.
- Sidna Gesu' Kristu nnifsu, u Alla, missierna, li habbna, u tana farag ta' dejjem. 2 Tessalonikin 2:16.

**Kenn tal-midinbin.**

- Kristu Gesu' gie fid-dinja biex isalva l-midinbin. 1 Timotju 1:15. Luqa 18:13; Rumani 5:8; 1 Gwann 2:2.

**Sultan tal-paci.**

- Hu s-sliem taghna. Efesin 2:14; Gwann 14:27, 16:33; Rumani 5:1; 15:33; Kolossin 3:15; 2 Tessalonkin 3:16.

[Fil-litanija, Marija hi msejjha b'diversi titli ohra: Dawn ukoll huma kollha kemm huma titli t'Alla u ta' Kristu Ibnu.]

- **Kollu setgha.** 2 Korintin 4:7.
- **Tal-parir it-tajjeb, boni consilii.** Rumani 11:34.
- **Tron ta' l-gherf.** 1 Timotju 1:17.
- **Arka tar-Rabta l-Gdida.** Lhud 9:15, 12:24.
- **Torri ta' David.** Mattew 9:27; 21:9, 15.
- **Ghamara ta' kull gieh.** 1 Timotju 1:17.
- **Sultan tal-mahfra.** 1 Gwann 1:7-9.
- **Sultan ta' l-appostli.** Lhud 3:1.
- **Sultan tal-profeti.** Lhud 1:1.
- **Sultan tal-familji.** Efesin 3:14-15.
- **Sultan ta' l-angli.** 2 Tessalonkin 1:7;

Mattew 18:10.

**Sewwa jekk nghidu li Marija hi Mater Dei, Omm Alla?**

[Alla huwa etern u ghalhekk m'ghandux omm. Alla huwa l-hallieq ta' Marija. Marija hi omm Gesu' *skond il-gisem* u mhux skond id-Divinita' tieghu. Lanqas nistghu nghidu li Marija ghandha xi awtorita' fuq binha.]

- Fil-bidu kienet il-Kelma [mill-eternita']... Kollox sar bih (bi Kristu), u xejn ma sar minghajru milli sar. Gwann 1:1-3.

[Marija kienet mahluqa mill-Mulej.]

- Gesu' qalilha: Mara, x'ghandi x'naqsam mieghek?...Ommu qalet lill-qaddejja: Aghmlu kulma jghidilkom [Gesu']. Gwann 2:4-5.

**Min hu l-ghajn ta' kull grazzja?**

[Marija irceviet il-grazzja unika li tkun omm il-Mulej skond il-gisem, u minhabba f'hekk nibqghu insejhula hienja; irceviet ukoll il-grazzja akbar tas-salvazzjoni, bhall-Kristjani kollha. Ghalhekk ghal kull bzonn spiritwali jehtieg inharsu lejn il-Mulej, l-ghajn ta' kull grazzja.]

- U l-Kelma saret gisem… glorja bhal ta' l-Iben wahdieni tal-Missier, mimlija grazzja u verita'... U mill-milja tieghu [ta' Gesu'] ilkoll hadna, grazzja fuq grazzja… l-grazzja u l-verita' gew b' Gesu' Kristu. Gwann 1:14-17.

- L-ghotja bil-grazzja, moghtija permezz ta’ wiehed, Gesu’ Kristu, xterdu fuq il-hafna. Rumani 5:15.
- Int [Marija] li lilek moghtija grazzja... Int sibt grazzja quddiem Alla. Luqa 1:28-30.

**Kif ghandna nharsu lejn Marija, omm Gesu’?**

- [Alla] hares lejn l-istat umli tal-qaddejja tieghu; ghax ara, minn issa 'l quddiem, imbierka jghidli kull nisel. Luqa 1:48.
- Mara… qaltlu: Imbierek il-guf li giebek u s-sider li rdajt. Imma hu [Gesu’] qal: Iva, imma aktar imberkin dawk li jisimghu l-Kelma t’Alla, u jharsuha. Luqa 11:27-28.
- Qalulu: ommok u hutek qeghdin barra, u jixtiequ jarawk. U wiegeb [Gesu’], u qalilhom: Ommi u huti huma dawk li jisimghu l-Kelma t’Alla u jaghmluha. Luqa 8:19-21;Mattew 12:47-50; Gwann 2:12; Mark 3:31-35.
- Wiehed hu l-imghallem taghkom, Kristu: u intom ilkoll ahwa. Mattew 23:8; Galatin 1:11-12; Lhud 2:11.

---

**D. Il-fidi Kristjana.**

**Gesu’ hu Alla u sar ukoll bniedem. Ghall-fidwa taghna, umilja lilu nnifsu ghal xi zmien, izda issa hu glorifikat fis-sema mal-Missier.**

[Fil-bidu tal-knisja, kien hemm xi whud li cahdu d-divinita' ta' Kristu. L-Iskrittura tghallem li Gesu' hu tassew Alla u tassew bniedem. Nirringrazzjaw 'l Alla li l-knisja Kattolika ghadha temmen u tiddefendi din id-dottrina ewlenija.]

- Fil-bidu kienet il-Kelma, u l-Kelma kienet m'Alla, u l-Kelma kienet Alla... il-Kelma saret gisem, u ghammar fostna. Gwann 1:1,14.
- Kieku habbejtuni, konti tifirhu ghax ghidt: Sejjer ghand Missieri; ghax Missieri akbar minni. Gwann 14:28.

[Nifirhu li Gesu’ mar lura ghand il-Missier biex wara li umilja lilu nnifsu, issa hu glorifikat mal-Missier. Ma jghidx izjed, ‘Missieri aktar minni’ ghax issa qieghed fil-glorja mal-Missier.]

- Kristu Gesu’: Li, ghalkemm kien f'sura t’Alla... xejjen lilu nnifsu, u ha fuqu s-sura ta' qaddej, u kien maghmul fix-xbieha tal-bnedmin... umilja lilu nnifsu, u sar ubbidjenti sal-mewt, u sal-mewt tas-salib. Ghalhekk Alla ghollieh wisq, u tah l-isem li hu fuq kull isem. Filippin 2:5-11.
- U Tumas wiegeb [lil Gesu’] u qallu: Mulejja, u Alla tieghi. Gwann 20:28.

**X’ ghandi naghmel biex insalva, jinhafruli dnubieti, u ma mmurx l-Infern?**

- Emmen fil-Mulej Gesu’ Kristu, u tkun salvat. Atti 16:30-31; 11:17, 21; 13:12, 48; 15:9; 18:27; 20:21; Efesin 1:13.
- Morru fid-dinja kollha, u xandru l-Evangelju lil kull mahluq. Min jemmen u jitghammed, isalva; izda min ma jemminx ikun ikkundannat. Mark 16:15-16.
- L-indiema u l-mahfra tad-dnubiet tixxandar f’ismu [Kristu]. Luqa 24:47; Atti 2:21, 10:43, 13:38.
- L-Evangelju ta’ Kristu: ghax hu l-qawwa t’Alla ghas-salvazzjoni ta’ kull min jemmen. Rumani 1:16-17.
- Kristu Gesu’… ikun bhala mezz tal-mahfra ta’ dnubietna permezz tal-fidi. Rumani 3:24-25; 10:9; Atti 26:18.

**Ic-centru ta' l-Evangelju huwa l-Mulej Gesu’ Kristu. Fih biss ghandna nemmnu.**

- Qallu Gesu’… hadd ma jigi ghand il-Missier, hlief bija. Gwann 14:6, 15:5; Kolossin 3:11.
- Bl-isem ta’ Gesu’ Kristu ta’ Nazaret, … l-anqas f’hadd iehor m’hemm salvazzjoni. Atti 4:10-12.

- Ghax bhalma f’Adam kulhadd imut, hekk ukoll kulhadd jarga’ jiehu l-hajja fi Kristu. 1 Korintin 15:22; Rumani 5:15.
- L-Evangelju skond il-qawwa t’Alla: Li salvana… mhux skond l-opri taghna izda skond… il-grazzja tieghu, li kienet moghtija lilna fi Kristu Gesu’. 2 Timotju 1:8-9; Galatin 2:16; Atti 20:24, 26:20.
- Bil-grazzja intom salvati, permezz tal-fidi: u dan mhux minkom infuskom: dan hu don t’Alla: Mhux mill-opri, biex hadd ma jiftahar. Ghax ahna… mahluqin fi Kristu Gesu’ ghall-opri tajba. Efesin 2:8-10; Titus 2:13, 3:5-8; Rumani 2:4; 3:24; 5:1; 11:22; 2 Korintin 9:10; Kolossin 1:5, 10; Lhud 9:14; Gakbu 2:22.

**Xi tfisser il-kelma maghmudija?**

[Bil-Grieg 'baptizo' tfisser tghaddas. Ghalhekk Gwann mar jghammed fejn kien hemm 'hafna ilma' u meta tghammed Gesu’ 'hareg' mill-ilma. Il-maghmudija mhix traxxix bi ftit ilma, bil-Grieg 'rantizo', bl-Ingliz 'sprinkling' bhal Lhud 9:19, 21.]

- Gwanni wkoll kien ighammed f’Ghajnun qrib Salim, ghax kien hemm hafna ilma hemm: u kienu jigu u jitghammdu. Gwanni 3:23.
- U malli tghammed, Gesu’ minnufih hareg mill-ilma. Mattew 3:16.

**Min ghandu jitghammed?**

[Dawk li jisimghu l-Evangelju u jikkonvertu; tarbija m'ghandiex titghammed ghax ma tistax temmen.]

- Ghallmu l-gnus u ghammduhom... U ghallmuhom iharsu kulma ordnajtilkom. Mattew 28:19, 20.
- Min jemmen u jitghammed, isalva; izda min ma jemminx ikun ikkundannat. Mark 16:16.
- U Filippu qal: Jekk temmen b’qalbek kollha, tista’. U wiegeb, u qal: Nemmen li Gesu’ Kristu hu bin Alla… u nizzlu t-tnejn fl-ilma… u ghammdu. Atti 8:37-38.
- X’ ghandi naghmel biex insalva? U huma qalu: Emmen fil-Mulej Gesu’ Kristu, u tkun salvat, int u darek. U qalulu l-kelma tal-Mulej, lilu u lil dawk kollha li kienu f’daru. U tghammed minnufih, hu u niesu kollha… u ferah, billi emmen f’Alla hu u n-nies ta’ daru kollha. Atti 16:30-34; 2:41.
- Emmen fil-Mulej ma’ daru; u hafna mill-Korintin, billi kienu jisimghu l-Kelma, emmnu, u tghammdu. Atti 18:8; 16:15.

**Jekk tarbija tmut tmur il-Genna?**

[Meta naghrfu kemm hi kbira l-grazzja t'Alla, m'ghandniex nuddibitaw mis-salvazzjoni ta' tfal. Alla jiggustifikom bi Kristu.]

- Jekk ma tikkonvertux, u ssiru bhal tfal zghar, ma tidhlux fis-saltna tas-smewwiet. Mattew 18:3.
- Tfal ckejknin… ta’ dawn hija s-saltna t’Alla. Mark 10:14; Luqa 18:16-17; Mattew 19:14.
- Qalilhom Gesu’: Iva: qatt ma qrajtu: Minn fomm it-tfal u t-trabi int sahhaht it-tifhir? Mattew 21:16.

**Hemm bzonn li Kristu; jkompli ta' kuljum joffri s-sagrificcju tieghu, ghall-mahfra ta' dnubietna?**

- Gesu’ qal: Kollox mitmum; u mejjel rasu, u radd ruhu. Gwann 19:30.
- Fi dnubiethom u htijiethom ma niftakarx aktar. Issa, fejn hemm il-mahfra ta’ dawn, m’hemmx izjed offerti ghad-dnub. Lhud 10:17-18; 9:12.
- Kristu wara li qam mill-imwiet ma jmut qatt izjed. Rumani 6:9; Lhud 9:22, 28.
- Tqaddisna bl-offerta tal-gisem ta’ Gesu’ Kristu darba ghal dejjem… Offra sagrificcju wiehed ghad-dnubiet ghal dejjem. Lhud 10:10,12; 7:12, 24, 27; 1 Pietru 3:18.

**X'toffri l-knisja lil Alla waqt l-ewkaristija ?**

[Ewkaristija, mill-Grieg eukharistia, tfisser 'tizzihajr'. Il-Kristjani joffru sagrificcju ta' tifhir, u mhux sagrificcju bi tpattija ghad-dnub.]

- Ha noffru bih [Gesu'] sagrificcju ta' tifhir 'l Alla kul hin, jigifieri, il-frott ta' xofftejna li jizzihajr lil ismu. Lhud 13:15.
- Intom… sacerdozju qaddis… toffru sagrificcji spiritwali… li joghgbu 'l Alla… Intom… sacerdozju rjali, nazzjon qaddis… ixxandru t-tifhir ta' dak li sejhilkom ghad-dawl. 1 Pietru 2:5, 9.

**Kristu jinstab prezenti bil-gisem fit-tabernaklu jew f'xi post iehor fuq l-art?**

[Kristu hu spiritwalment prezenti mal-knisja tieghu; fizikament qieghed is-sema, min fejn nistennewh jigi ghat-tieni darba.]

- Jekk xi bniedem jghidilkom: Ara, hawn, jew hemm, hu Kristu: la temmnuhx dan… Ara, jien [Kristu] ghidtilkom minn qabel. Jekk mela jghidulkom: Ara… qieghed fil-kmamar ta' gewwa: la temmnux dan. Mattew 24:23-26; Mark 13:21-23.
- Fejn tnejn jew tlieta huma migburin flimkien f'ismi, hemm inkun jien f'nofshom Mattew 18:20.

**Kif tfisser l-Iskrittura "jien hu l-hobz tal-hajja" u "dan hu gismi, dan hu demmi"?**

Jekk xi hadd jistaqsini ghal tifkira ta' missieri, nurih ritratt u nghidlu, "Dan hu missieri." Zgur ma nkunx infisser li l-karta inbidlet fi bniedem. Hekk ukoll Gesu' ried ihallilna tifkira tieghu. Ghalhekk ha il-hobz u qal: "Dan hu gismi." Il-hobz ifakkarna, u mhux jinbidel, fil-gisem ta' Gesu' li nghata ghalina fuq is-salib. L-istess l-inbid ifakkarna f'demmu.

[Gesu' sikwit kien jitkellem b'diskors figurattiv: Jien hu l-hobz, Jien hu l-bieb, Jien hu r-raghaj it-tajjeb, u Jien hu d-dawl tad-dinja. Dan id-diskors ghandna niehdu s-sens tieghu u mhux nifhmuh litteralment. Bhalma l-hobz jghajjex il-gisem, Gesu' jaghtina l-hajja spiritwali. Il-hobz nikluh b'halqna; lil Kristu "nikluh" bil-fidi.]

- Jien hu l-bieb. Gwann 10:7.
- Jiena hu d-dawl. Gwann 8:12.
- Jien hu r-raghaj. Gwann 10:14.
- Jiena hu l-qawmien, u l-hajja. Gwann 11:25.
- Jiena t-triq, u s-sewwa, u l-hajja. Gwann 14:6.
- Jiena d-dielja. Gwann 15:5.
- Jiena hu l-hobz tal-hajja; min jigi ghandi ma jiehdu guh qatt; u min *jemmen* fija ma jiehdu ghatx qatt… Tassew… Min *jemmen* fija ghandu l-hajja ta' dejjem… gismi hu ikel… demmi hu xorb... Hu l-Ispirtu li jaghti l-hajja: il-gisem ma jiswa xejn: *il-kliem li nghidilkom huma spirtu u hajja*… Mulej… Int ghandek il-kliem tal-hajja ta' dejjem. Gwann 6:35, 47, 55, 63, 68.

Il-hobz u inbid ma jinbiddlux. Il-hobz jibqa' hobz u suggett li jithassar, imma Kristu,

- "Qatt ma jarga' ghat-tahsir". Atti 13:34, 35, 37.

Meta Gesu' bidel l-ilma fi-inbid, kulhadd setgha josserva l-biddla [Gwann 2:10.]. Fl-Ewkaristija, l-inbid jibqa' l-istess; jekk tixrob bizzejjed minnu tisker.

Kieku jinbidel f'demm, lanqas nistghu nixorbuh ghax l-Iskrittura twissina biex nitbieghdu mid-demm.

- Jitbieghdu mit-tingis ta' l-idoli, miz-zina, u minn hwejjeg mahnuqa, u mid-demm. Atti 15:20, 29; 21:25.
- Dan hu gismi...dan demmi… ma nixrobx minn dal-*frott tad-dielja*. Mattew 26:26-29; Mark 14:22-25; Luqa 22:18.
- Aghmlu dan b'*tifkira* tieghi. Luqa 22:19; 1 Korintin 11:24-25.
- Kull darba li tieklu dal-*hobz*, u tixorbu dal-kalci, thabbru mewt il-Mulej sakemm jigi. 1 Korintin 11:26.

**Ghand min inqerr (nistqarr) dnubieti?**

- Itlob 'l Alla, biex… jinhafirlek. Atti 8:22, 10:42, 17:31; Kolossin 1:14; Lhud 8:12, 9:14.
- Missierna li inti fis-smewwiet...ahfrilna dnubietna. Mattew 6:9,12.
- Gesu’ Kristu… Hu l-mezz tal-mahfra ta’ dnubietna. 1 Gwann 2:2, 1:9, 3:5, 4:10; Efesin 1:7; Lhud 9:26, 28.

**Jekk nonqos lil xi hadd, lil min irrid nistqarr?**

- Stqarru mela lil xulxin dnubietkom. Gakbu 5:16; Efesin 4:32.

**Ghandna naghtu flus ghal dnubietna jew ghal ruh il-mejtin?**

- Jkun hemm ukoll fostkom ghalliema qarrieqa… U ghar-reghba jinnegozjawkom bi kliem qarrieq. 2 Pietru 2:1-3.

**Hemm genna u infern; purgatorju ma jezistix u ma hemmx bzonnu.**

- It-tallab miet u ngieb… fi hdan Abraham [Genna, Paradise]: il-ghani wkoll miet … U f’Post il-Mejtin [Hades, Sheol], waqt li kien fit-tbatija [Infern, Hell], rafa’ ghajnejh u ra l’ Abraham … u l’ Lazzru. U … qal [il-ghani] … mugugh f’din il-fjamma tan-nar [Infern] … qal Abraham … issa hu [it-tallab] jitfarrag [Genna], u inti tbati [Infern]. Luqa 16:22-25; 2 Korintin 12:4.
- Gesu’ qallu: nghidlek is-sewwa li llum tkun fil-Genna mieghi. Luqa 23:43; Filippin 1:23; 2 Korintin 5:8.
- Bih nnifsu [Kristu] naddaf [bil-Latin *purgatio*, bl-Ingliz *purged*, ghalhekk m’hemmx bzonn post ta’ tindif] dnubietna. Lhud 1:3, 7:25; Mattew 3:11; Luqa 3:16; Efesin 1:4, 7; 1 Korintin 6:11, 15:3; Guda 1:24.
- Imberkin dawk li htijiethom mahfura, u li dnubiethom mghottija. Rumani 4:7; Lhud 10:17; Atti 13:39.
- Id-demm ta’ Gesu’ Kristu Ibnu jnaddafna minn kull dnub. 1 Gwann 1:7, 2:12; Rivelazzjoni (Apokalissi) 1:5.

**Lill-Kristjani hajjin Kristu qaddishom u ghamilhom qaddisin.**

[Il-Kristjani kollha kemm huma qaddisin! Mhux dawk il-ftit li wara mewthom jghaddu minn process twil ta' kanonizzazzjoni!]

- Ahna tqaddisna bl-offerta ta’ Gesu’ Kristu darba ghal dejjem. Lhud 10:10, 2:11, 13:12; 1 Pietru 1:15; 1 Korintin 1:2, 6:11; Efesin 1:1.
- Sellmu ‘l xulxin… Il-qaddisin kollha jsellmulkom. 2 Korintin 13:13, 1:1; Rumani 1:7, 15:26, 16:2, 15.

**Lil min ghandek titlob, tqim, taghti glorja? Ghandek titlob b’hafna kliem ripetut?**

[Fl-Iskrittura hemm mijiet ta' talbiet. Ilkoll indirizzati lil Alla. M'hemmx ezempju wiehed, ta' talb lill-qaddisin mejtin.]

- Meta titlob, tuzax kliem zejjed, bhal ma jaghmlu l-pagani. Mattew 6:7.
- Il-Mulej Alla tieghek ghandek tqim, u lilu wahdu taqdi. Luqa 4:8; Rivelazzjoni (Apokalissi) 19:10, 22:9.
- Lil Alla tinghata l-glorja fil-knisja, bi Kristu Gesu’. Efesin 3:21.
- Hekk mela itolbu: Missierna li int fis-smewwiet … ghax tieghek is-saltna u s-setgha u l-glorja ghal dejjem. Amen. Mattew 6:9-13; Luqa 11:2-4.

**Marija u erwieh ohrajn jistghu jwiegbu t-talb taghna? Nistghu nitolbuhom?**

- Qal [l-ghani]: nitolbok… li tibaghtu [lil Lazzru] f’dar missieri… biex jixhdilhom, halli ma jigux… f’dan il-post tat-tbatija [l-Infern]. Abraham [mill-Genna] qallu: ghandhom ‘ il Mose’ u l-profeti; ha jisimghuhom. U dak [l-ghani] qallu… jekk xi hadd mill-imwiet imur ghandhom, jindmu. U

[Abraham] qallu: Jekk ma jisimghux minn Mose' u mill-profeti [l-Iskrittura], lanqas jemmnu, ghalkemm wiehed iqum mill-imwiet. Luqa 16:27-31.

- Ejjew ghandi [Gesu'], intom lkoll… li intom imghobbijin wisq, u jien inserrahkom. Mattew 11:28; Gwann 6:37.

**Kif ghandna nqimu lil Alla?**

[Matul iz-zmien il-knisja dahhlet drawwiet pagani fir-religjon ta' Kristu bhal l-istatwi u l-bqija.]

- Ghax jien nixhed lil kull bniedem li jisma' l-kliem tal-profezija ta' dal-ktieb: Jekk xi hadd izid ma' dawn il-hwejjeg, izidlu Alla l-kastigi li huma miktubin. Rivelazzjoni (Apokalissi) 22:18.

**X'ikkmanda Alla fuq xbihat, statwi, santi, lapti, domni, kurcifissi, suppost lizar ta' Kristu u ohrajn?**

[Hadd ma jaf kif kienet id-dehra fizika ta' Gesu'. Ix-xbihat tieghu huma kollha differenti minn xulxin, ghax hadd ma jaf kif kien fil-verita'. Ix-xbighat ta' "Kristu" huma giddieba u qarrieqa.

Sikwit ipinguh b'xahru twil avolja l-Iskrittura tghid li hu ghajb ghal ragel ikollu xahru twil.

- Jekk ragel ikollu xaghru twil, hu ghajb ghalih. 1 Korintin 11:14.

Barra minn hekk, Kristu huwa wkoll Alla. Ix-xbiha ta' Kristu ghalhekk issir mezz ta' qima 'l Alla, kontra kulma wissiena Alla fuq hekk.]

- M'ghandniex nahsbu li d-divinita' tixbah lid-deheb, jew lill-fidda, jew lill-hagar imnaqqxa. Atti 17:29.
- U bidlu l-glorja t'Alla li ma jithassarx fi xbieha maghmula bhal bniedem li jithassar. Rumani 1:23.
- Ghalhekk, mahbubin tieghi, aharbu mill-idolatrija. 1 Korintin 10:14; 1 Gwann 5:21; Atti 15:20.

**Ghall-Kristjani; l-art imqaddsa m'ghadhiex Gerusalemm, izda l-Genna.**

- Intom [il-Kristjani] ersaqtu… lejn il-belt t'Alla l-haj, Gerusalemm tas-sema. Lhud 12:22, 13:14; 2 Pietru 3:13; Rivelazzjoni (Apokalissi) 3:12, 21:2.

**Il-Kristjani jharsu l-ewwel jum, il-Hadd.**

- Thallu l' hadd min jaghmel haqq minnkom fuq…il-jiem tas-sibt. Kolossin 2:16.
- Fl-ewwel jum tal-gimgha [il-Hadd], x'hin id-dixxipli tieghu ltaqghu flimkien. Atti 20:7; 1 Korintin 16:2.

**Minbarra Jum il-Mulej [il-Hadd], il-Kristjani ghandhom jiccelebraw festi religjuzi ohra?**

[Ma nistghux niccelebraw; u wisq anqas nistghu nivvintaw, festi minghajr il-permess tal-Kelma t'Alla.]

- Intom tharsu il-jiem, ix-xhur, l-istaguni u s-snin. Nibza' minhabba fikom, li thabatt fostkom ghalxejn. Galatin 4:10-11.
- Thallu 'l hadd min jaghmel haqq minnkom fuq l-ikel, jew ix-xorb, jew fuq jum ta' festa, jew il-qamar gdid, jew il-jiem tas-sibt. Kolossin 2:16.

**Ghandu jkollna jiem t'obbligu ta' sawm?**

[Il-Kristjani jhossu l-bzonn li jsumu minn zmien ghal zmien biex jitolbu aktar bil-hegga. Imma hadd m'ghandu l-jedd jimponi fuqhom jiem ta' astinenza u sawm: bhal precetti tal-knisja Kattolika; li ma tistax tiekol laham nhar ta' Gimgha, jew li trid issum bil-fors f'Ras ir-Randan u l-Gimgha l-Kbira.]

- Meta ssum… tidhirx lill-bnedmin li int sajjem, izda lil Missierek li hu fil-mohbi. Mattew 6:17-18.
- X'uhud jitilqu mill-fidi, billi jaghtu widen ghal spirti qarrieqa u taghlim tad-demonji … li jordnaw… li ma jittekilx ikel. 1 Timotju 4:1-3; Kolossin 2:16.

**Ghandna nuru qima voluntarja religjuza b'mohqrija tal-gisem bhal mixi hafjin wara purcissjoni, il-garr ta' salib jew ktajjen u stigmati?**

- Qima voluntarja… mohqrija tal-gisem… ma jiswew xejn hlief jissodisfaw lill-gisem. Kolossin 2:23.

**L-appostli biss; kellhom is-setgha jaghtu l-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, biex isiru l-ghegubijiet mill-Kristjani.**

- L-appostli… semghu li Samarija laqghet il-Kelma t'Alla, baghtulhom ' il Pietru u ' l Gwanni… biex jiehdu l-Ispirtu s-Santu… Xmun [is-sahhar] ra li l-Ispirtu s-Santu kien jinghata bit-tqeghid ta' idejn l-appostli… qal: Aghtuni wkoll din is-setgha… Pietru qallu… Int la ghandek sehem u qsim f'dil-haga. Atti 8:14-21.
- Pawlu qieghed idejh fuqhom, nizel l-Ispirtu s-Santu fuqhom; u tkellmu b'ilsna, u habbru. Atti 19:6.
- Tassew, is-sinjali t'appostlu saru fostkom bis-sabar kollu f'gheliem, u ghegubijiet, u ghemil ta' setgha. 2 Korintin 12:12.

**Alla ta prova ta' Ibnu; u tal-messagg ta' l-appostli tieghu, b'hafna mirakli.**

**Illum li ghandna l-messagg t'Alla shih u miktub fl-Iskrittura, ghalhekk ma jibqax skop ghal aktar gheliem.**

- Ghall-fidi moghtija lill-qaddisin darba. Guda 1:3.

**[L-appostlu Pawlu qal min qabel li l-ilsna kellhom jieqfu.]**

- L-imhabba qatt ma tintemm; izda l-profeziji jghibu u jisktu l-ilsna, u jghib l-gherf. 1 Korintin 13:8.
- Hafna mirakli ohra ghamel Gesu' quddiem id-dixxipli tieghu... Imma dawn inkitbu, biex temmnu li Gesu' hu l-Kristu, Bin Alla: u biex billi temmnu, ikollkom il-hajja f'ismu. Gwanni 20:30-31.
- Is-salvazzjoni… kienet l-ewwel imxandra mill-Mulej, u mwettqa ghalina min dawk li semghuh? Alla wkoll jixhdilhom, sew b'gheliem u kemm b'ghegubijiet, u mirakli ta' kull xorta, u doni ta' l-Ispirtu s-Santu, skond ir-rieda tieghu stess. Lhud 2:3-4.

**Kif ghandna nqisu lil min jaghmel ghegubijiet u gheliem; bhal hobz inixxi d-demm, statwi jibku, stigmati, faith healers u ohrajn.**

- Hafna jghiduli… Mulej, ma habbarniex f'ismek? U f'ismek keccejna d-demonji? U f'ismek ghamilna hafna ghegubijiet? … nistqarrilhom: Jiena qatt ma kont nafkom; tbieghdu minni, intom li taghmlu l-hazen. Mattew 7:22-23.
- Gesu'… qal: Araw li hadd ma jqarraq bikom… Ghax jigu hafna f'ismi jghidu: Jien hu Kristu; u jqarrqu b'hafna. Mattew 24:4, 11.
- Iqumu kristijiet foloz, u profeti foloz, u juru gheliem u ghegubijiet; biex… iqarrqu. Mattew 24:24; Mark 13:22.
- Appostli foloz, haddiema qarrieqa, billi jbiddlu lilhom infushom f'appostli ta' Kristu. 2 Korintin 11:13.
- Thallu 'l hadd iqarraq bikom bl-ebda mod: ghax dak il-jum ma jigix, jekk l-ewwel ma tigix il-firda: u jinkixef il-bniedem tad-dnub, bin it-telfien: Li jmur kontra Alla, u jirtafa' fuq kulma ghandu l-isem t'Alla, jew li hu miqjum; biex bhal Alla joqghod fit-tempju t'Alla [it-tempju t'Alla huwa l-knisja – 1 Korintin 6:19], billi juri lilu nnifsu li hu Alla… Il-migja ta' dal-hazin tkun, skond il-hedma ta' Satana, bis-setgha kollha, u gheliem u ghegubijiet giddieba. 2 Tessalonikin 2:3-4, 9; Efesin 5:6.

[Fil-Medju Evu: l-isqof ta' Ruma beda jqis lilu nnifsu l-mexxej assolut tal-knisja kollha; xi papiet stqarrew bla habi li huma Alla fuq l-art. Id-dottrini Kattolici, bhal purgatorju, il-qima Marjana u t-transustanzazzjoni (il-hobz u l-inbid jinbiddlu fil-gisem u d-demm ta' Kristu); kienu mmexxija 'l quddiem b'hafna mirakli u vizzjonjiet.]

**Kif ghandna nqisu il-vizzjonijiet u d-dehriet taparsi; ta' Gesu', Marija u angli?**

- Jekk xi bniedem jghidilkom: Ara, hawn, jew hemm, hu Kristu: la temmnuhx… Ara, jien [Kristu] ghidtilkom minn qabel. Jekk mela jghidulkom: Ara, qieghed id-dezert: la tohorgux; ara qieghed fil-kmamar ta' gewwa: la temmnux dan. Mattew 24:23, 25-26; Mark 13:21..
- Qallu Gesu'… imberkin dawk li ma rawx, u madankollu emmnu. Gwann 20:29.

- Ahna nimxu bil-fidi, mhux bil-vizjoni. 2 Korintin 5:7.
- Satana nnifsu jitbiddel f'anglu tad-dawl. 2 Korintin 11:14

["anglu" tfisser messaggier; "tad-dawl" jigifieri t'Alla. Satana jidher bhala persuna sabiha mis-sema.]

- Hemm x'uhud li… jridu jaqilbu l-Evangelju ta' Kristu. Izda kemm jekk ahna jew anglu mis-sema, ixandrilkom evangelju iehor barra minn dan li xandarnielkom ahna: ha jkun mishut. Galatin 1:7-9.

**Ghandna nemmnu u nafdaw lir-religjuzi kollha li jigu f'isem Kristu?**

- Harsu ruhkom mill-profeti foloz, li jigu ghandkom lebsin ta' nghag, imma minn gewwa huma lpup imgewha. Mattew 7:15.
- Jien [Pawlu] naf, li wara t-tluq tieghi lpup horox jidhlu fostkom, u ma jahfruhiex lill-merhla. Ukoll minn fostkom stess iqumu xi rgiel, jitkellmu hwejjeg imghawga, biex jigbdu dixxipli warajhom. Atti 20:29-30.
- Harsu ruhkom mill-klieb, harsu ruhkom mill-haddiema hziena. Filippin 3:2.

**Il-popolarita' taghti prova li religjon hi vera?**

- Wiesa' hu l-bieb, u miftuha hi t-triq, li jaghtu ghat-telfien, u hafna huma li jidhlu fiha: Ghax dejjaq hu l-bieb, u dejqa hi t-triq, li tiehu ghall-hajja, u ftit huma li jsibuha. Mattew 7:13-14.
- Thabtu biex tidhlu mill-bieb id-dejjaq: ghax hafna, inghidilkom, ifittxu jidhlu, u ma jkunux jistghu. Luqa 13:24; Mattew 22:14.

**Il-Kristjani huma sikwit mghajjrin u mlaqqmin setta mir-religjuzi.**

- Is-setta tan-Nazarin. Atti 24:5.
- Fuq din is-setta, ahna nafu li kullimkien jghidu kontra taghha. Atti 28:22.

**Kif ghandu jgib ruhu l-Kristjan fil-politika?**

- U qalilhom [Gesu']: Ta' min hi dix-xbieha u l-kitba? Qalulu [l-Farizej u l-Erodjani] ta' Cesri. Imbaghad qalilhom: Roddu mela 'l Cesri dak li hu ta' Cesri, u 'l Alla dak li hu t'Alla. Mattew 22:20-21; Luqa 20:24-25; Mark 12:16-17.
- Ghandhom [il-Kristjani] jkunu suggetti ghall-principati u ghas-setghat, jobdu lil min hu fuqhom, ikunu mhejjijin ghal kull eghmil tajjeb. Titus 3:1; Rumani 13:5-7.
- Ja ghonja… il-hlas li intom ma tajtux b'qerq lill-haddiema… jghajjat: u l-ghajjat… jasal f'widnejn il-Mulej ta' l-ezercti. Gakbu 5:1, 4; 1 Timotju 6:17; Gakbu 2:6.

**Kif ghandhom jghixu d-dixxipli ta' Kristu?**

- Ghandkom tghinu d-dghajfin. Atti 20:35; Rumani 12:13, 15:26; Galatin 2:10.
- Jekk il-ghadu tieghek bil-guh, itimghu: jekk inhu bil-ghatx, isqih. Rumani 12:20, 14.
- Tghajjewx taghmlu l-gid. 2 Tessalonikin 3:13; Galatin 6:10; 1 Pietru 3:8.
- Taghmlu l-gid u tghinu ' l xulxin. Lhud 13:16, 1; Gakbu 2:8.
- Dak kollu li taghmlu ha jkun maghmul fl-imhabba. 1 Korintin 16:14, 13:3; Efesin 6:12; Kolossin 3:14.

**Zgur li int Kristjan, dixxiplu ta' Kristu?**

- Gesu' qal… In-nghag tieghi jisimghu lehni, u jien naghrafhom, u jigu warajja. Gwann 10:27.
- Ghalhekk ohorgu minn go nofshom u nfirdu minnhom, jghid il-Mulej. 2 Korintin 6:17.
- Jekk izzommu fil-kelma tieghi, imbaghad tkunu tassew dixxipli tieghi. Gwann 8:31.

Miktub minn Renald Williams.
Jekk tixtieq aktar letteratura Kristjana,
ibghat SMS lil Renald fuq 79280325;
jew zur dawn il-websites:
www.tecmalta.org/malti.htm
www.justforcatholics.org/malti.htm